TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 1660

KAZ 2174

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

John Mizzi

u

Vebs Co. Ltd.

dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta

Data : 23 ta' Jannar 2006

Chairman : Is-Sur George Borg Cardona

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali b'nota prezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri fit-3 ta' Marzu 2004.

It-Tribunal zamm hdax-il seduta.

John Mizzi, aktar il-quddiem jissejjah l-"appellant", kien assistit miss Sur Lino Vassallo, Segretarju Taqsima Lukandi, Ikel u Xorb tal-Union Haddiema Maghqudin (UHM), u Vebs Co. Ltd., aktar il-quddiem tissejjah il-"Kumpanija", kienet rapprezentata mis-Sur Bernard Zahra de Domenico assistit mill-Avukat Pawlu Lija.

Fid-Dikjarazzjoni tal-Kas l-appellant qal li t-tkeccija tieghu kienet ingusta ghaliex kien verbalment miftiehem mal-Kumpanija li, minhabba nuqqas ta' xoghol, kellu jinghata tnax-il gimgha *notice* u li l-impieg tieghu jigi terminat fil-31 ta' Dicembru 2003. Izda fl-14 ta' Novembru 2003, waqt li kien bis-*sick leave,* il-Kumpanija itterminatlu l-impieg minghajr ma tatu ebda avviz u sar jaf biss meta fis-7 ta' Jannar 2004 ircieva ittra datata 30 ta' Dicembru 2003 mill-ETC.

Il-Kumpanija qalet li t-tkeccija kienet gustifikata minhabba nuqqas ta' rispett lejn id-diretturi, tnaqqis fil-bejh mill-appellant u nuqqas ta' interess fix-xoghol. Ziedet li l-impieg gie terminat biex jigi protett ix-xoghol ghall-haddiema l-ohra.

L-appellant kien ilu jahdem mal-Kumpanija madwar 21 sena u sa tlett snin qabel it-tkeccija kien hemm relazzjonijiet tajbin hafna bejniethom. Fl-2001 inqala disgwid bejn l-appellant u l-Kumpanija dwar hlas tal-kummissjoni u l-appellant talab l-intervent tal-UHM u sussegwentement tad-Dipartiment tax-Xoghol. Minhabba dan tgharrqu r-relazzjonijiet bejniethom.

Ma kienx hemm ftehim bil-miktub dwar il-paga u l-kummissjoni li kellu jircievi l-apppellant izda meta beda mal-Kumpanija kien hemm ftehim verbali li kellu jithallas il-paga minima u 2.5% Kummissjoni fuq il-bejh li jaghmel. Numru ta'snin wara nghata zieda fil-paga. Dwar il-kummissjoni kien hemm arrangement kif ghandha tithallas. Jirrezulta li dan l-arrangament baqa jahdem ghas-sodisfazzjoni tat-tnejn sa kemm beda jkun hemm dewmien fil-hlas mill-klijenti. Bl-intervent tal-UHM f'laqgha mad-Direttur tax-Xoghol intlahaq ftehim li jsir hlas ta' Lm 50 fil-gimgha akkont tal-kummissjoni mbaghad isiru l-aggustamenti kif mehtieg meta jingabru l-flus ta' bejh li jkun ghamel l-appellant. Izda l-Kumpanija xi drabi naqset li thallas is-somma miftemha.

Mix-xhieda u mid-dokumenti jirrizulta li :

1. l-appellant kellu jiehu xi flus minghand il-Kumpannija dwar kummisjoni.
2. il-Kumpanija naqset milli tosserva regolarment il-ftehim ta' hlas akkont dwar kummissjoni.
3. fl-ahhar tlett snin l-appellant kellu nuqqasijiet fix-xoghol, fl-attitudni lejn id-diretturi u lejn ix-xoghol kif ukoll naqqas sostanzjalment il-bejh li kien jaghmel.
4. f'Ottubru 2003 il-Kumpanija qalet lill-appellant li ma kienetx sodisfatta bil-*performance* tieghu u qaltlu li se titterminalu l-impieg. Hu talab li jinghata ftit zmien biex isib xoghol iehor u gie avzat li se jinghata 12-il gimgha *notice* li jwasslu sa l-ahhar ta' Dicembru 2003.
5. L-appellant hareg bis-*sick leave* fl-14 ta' Novembru 2003 u l-Kumpanija reaggixxiet billi tterminatlu l-impieg min din id-data.

It-Tribunal ikkonsidra li :

1. l-appellant beda jinkwieta meta ra li qed jersaq lejn id-data ta' l-irtirar mix-xoghol u pprova jaghmel zewg affarjiet : l-ewwel li jizgura li jigbor il-kummissjoni kollha dovuta lilu qabel ma jispicca mix-xoghol u t-tieni li jsir arrangement mal-Kumpanija biex parti mill-kummissjoni tigi nkluza bhala parti mill-paga u b'hekk jikkwalifika ghal pensjoni ghola.
2. il-Kumpanija ma laqghetx il-proposti ta' l-appellant u komplew hzienu r-relazzjonijiet bejnu u d-diretturi.
3. l-appellant kien avzat mill-Kumpanija li se jinghata tnax-il gimgha *notice* u li l-impieg tieghu se jintemm fil-31 ta' Dicembru 2003. Hu kien accetta dan il-fatt li ghalhekk jista' jitqies bhala ftehim.
4. l-appellant baghat certifikat tat-tabib datat 14 ta' Novembru 2003 li kien qed ibati b'*anxiety depression,* ma attendiex aktar ghax xoghol mis-17 ta' Novembru 2003 u baqa' jibghat certifikati.

5. il-Kumpanija qalet li tterminat l-impieg ta' l-appellant mill-14 ta' Novembru 2003 izda la nfurmat b'dan lill-appellant u anqas lill-ETC f'dak iz-zmien.

It-Tribunal ta' importanza lill-dawn il-fatturi :

1. l-appellant kien inghata n-*notice* li se jispicca fil-31 Ta' Dicembru 2003.
2. l-appellant marad waqt li kien qed jahdem in-*notice*.
3. ma ngabet ebda prova li l-mard tieghu ma kienx genwin anzi z-zewg tobba li xhedu kkonfermaw il-mard.
4. ghalkemm il-Kumpanija qalet li kecciet l-appellant fl-14 ta' Novembru 2003 ma kienetx nfurmatu b'dan u anqas ma kienet infurmat lill-ETC f'dak iz-zmien. Hu sar jaf biss li tkecca fis-7 ta' Jannar 2004 meta rcieva nota mill-ETC bid-data tat-30 ta' Dicembru 2003 li saret fuq informazzjoni li tatha l-Kumpanija.
5. l-appellant ipproduca *payslip* tal-Kumpanija (DOK JM1) ghal *week ending 21/11/2003* meta suppost kien imkecci fl-14 ta' Novembru 2003. Fiha qed jintwera bhala *sick* b'nofs paga.
6. kemm fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz kif ukoll fl-Appell quddiem l-Arbitru dwar il-Pensjoni ta' l-Invalidita l-appellant sostna li sar ftehim verbali bejnu w l-Kumpanija li l-impieg tieghu kellu jigi terminat fl-ahhar ta' Dicembru 2003. B'dan qed jghid li tkecca qabel iz-zmien miftiehem u b'hekk jillimita l-kwistjoni ghall-perijodu bejn 14 ta' Novembru u l-31 Dicembru 2003.
7. Kumpanija ma tistghax tkecci haddiem li qed jahdem in-*notice* ghax jimrad waqt dan il-perijodu.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jiddeciedi li t-tkeccija ma saritx ghal raguni tajba u sufficienti skond il-ligi. Wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz kif ukoll li kien hemm nuqqasijiet ta' l-appellant, it-Tribunal jordna li l-Kumpanija ghandha thallas kumpens lill-appellant fl-ammont ta' Lm 350 (tlett mija u hamsin lira). Il-hlas ghandu jsir mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar 2005.

It-Tribunal jiddikjara li ma kienx possibbli li jiddeciedi dan il-kaz fiz-zmien stabbilit fil-ligi minhabba limitazzjonijiet ta' facilitajiet u nuqqasijiet amministrattivi.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm 40 (erbghin lira).

B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

George Borg Cardona
Chairman

Mary Rose Galea
Segretarja